## 16 ta' Frar, 1957

## Imħallef:—

## Onor. Dr. J. Flores, B.L. Can., LL.D.

**Kurunell Stephen J. Borg ne.** *versus* I.ĊA. Gustavo Romeo Vincenti et.

## Retratt — Imgħax

*Jekk wieħed jeżerċita dritt ta' rkupru fuq fond u jiddepożita l-interessi dovuti fuq il-prezz u fuq l-ispejjeż inkorsi mir-retrattarju fl-okkażjoni tal-akkwist tal-fond, u mbgħad ir-retratt jiġi rikonoxxut mill-Qorti bħala validu għal parti biss minn dak il-fond, ir-retrattarju huwa ntitolat għall-interessi fuq il-parti tal-prezz u l-ispejjeż korrispondenti għall-parti li dwarha l-irkupru ġie rikonoxxut validu; u għalhekk, wara li huwa jiżbanka sehmu minn dawk l-interessi korrispondenti għall-parti tal-fond rikonoxxuta rkuprata, ma jistgħax validament jopponi ruħu għall-iżbank, da parti tar-retraent, tal-imgħax fuq il-*

*prezz u l-ispejjeż korrispondenti għall-parti tal-fond li ma ġietx irkuprata.*

Il-Qorti;—Rat l-att taċ-ċitazzjoni, li biħ l-attur nomine, wara li jingħataw id-dikjarazzjonijiet u l-provvedimenti kollha meħtieġa, peress illi l-attur nomine, biċ-ċedola talirkupru nru. 163 tat-3 ta' Settembru 1948 (dok. A), flimkien mal-prezz tal-korp ta' bini hemm indikat u l-ispejjeż inkorsi mill-konvenut Vincenti in okkażjoni tal-akkwist tal-istess bini, kien iddepożita s-somma ta' £677.9.1 bħala imgħax legali fuq l-imsemmi prezz u spejjeż sadak inhar tad-depożitu; u billi mill-imsemmija somma tal-imgħax lillkonvenut Vincenti tmissu biss is-somma ta' £503.3.6, li huwa rtira mir-Reġistru tal-Qorti Superjuri fit-18 ta' Frar 1956, skond verbal wara l-imsemmija ċedola; u billi l-konvenut Vincenti qiegħed jopponi ruħu inġustament għallbilanċ ta' £174.5.7 li jispetta lill-attur nomine; u billi jirriżulta mis-sentenza mogħtija minn din il-Qorti fl-24 ta' Frar 1953 fil-kawża fl-istess ismijiet, konfermata fl-Appell fil-15 ta' Gunju 1953 u fil-Kunsill Privat tal-Maestà Tagħha r-Reġina, li l-attur nomine eżerċita b'suċċess l-irkupru għallkwota ta' 10339/13920, u li għalhekk, in kwantu għallkwota ta' 3581/13920, il-konvenut Vincenti ma jistax jippretendi l-imgħax relativ, billi dik il-kwota qatt ma ħarġet mill-patrimonju tiegħu, tant li huwa għamel ir-rivendizzjoni favur l-attur nomine biss rigward l-imsemmija kwota ta' 10339/13920; talab li jkun awtorizzat jiżbanka miċ-ċedola fuq riferita l-import ta' £174.5.7 fuq imsemmi, u dan inattiża l-oppożizzjoni tal-konvenut Vincenti; liema somma, għall-finijiet tal-imsemmija ċedola, għandha tiġi ritirata u mħallsa fuq l-att tal-iżbank mill-konvenut Montanaro Gauci nomine. Bl-imgħax legali u bl-ispejjeż, kompriżi dawk talprotest tal-14 ta' Frar 1956 u tal-ittra uffiċjali tal-10 ta' April 1956, kontra l-konvenuti;

*Omissis;*

Rat in-nota tal-eċċezzjonijiet li biha l-konvenut perit

Gustavo Vincenti oppona li ċ-ċedola tal-irkupru saret għassit kollu, u għalhekk l-interessi depożitati huma kollha talkonvenuti;

*Omissis;*

Ikkunsidrat;

Illi b'ċedola numru 163 tat-3 ta' Settembru 1948 l-attur irkupra mill-poter tal-konvenut perit Vincenti l-korp ta' **bini Kingsway, kantuniera ma' St. John's Street, Valletta**, kif hemm indikat fl-istess ċedola; u l-istess attur, u Paul Ferranti bħala kaxxier tan-National Bank of Malta, iddepożitaw taħt l-awtorità ta' dil-Qorti, flimkien mal-prezz talbini hemm indikat u l-ispejjeż inkorsi mill-konvenut in okkażjoni tal-akkwist tal-istess bini, is-somma ta' £677.9.9, bħala imgħax legali fuq l-imsemmija prezz u spejjeż sa dak inhar tad-depożitu;

Illi b'sentenza ta' dil-Qorti tal-24 ta' Frar 1953, konfermata mill-Qorti tal-Appell tal-Maestà Tagħha r-Reġina fil-15 ta' Ġunju 1953, u sussegwentement mill-Kunsill Privat tal-Maestà Tagħha r-Reġina, ġie deċiż li l-attur nomine kien eżerċita b'suċċess l-irkupru għal kwota tal-10339/13920;

Illi fid-9 ta' Frar 1956 il-konvenut Vincenti rrivenda a favur tal-konvenut attur nomine l-imsemmija kwota, u rtira mill-ammont depożitat, oltre l-prezz relativ għal dik il-kwota, it-tanġenti rispettiva tal-ispejjeż; u fit-18 ta' Frar 1956 irtira mill-istess depożitu s-somma ta' £503.3.6 missomma ta' £677.9.1 depożitata għall-imgħax legali, mingħajr preġudizzju tad-drittijiet tiegħu rigward il-bilanċ minn dik is-somma għall-imgħax, u għalhekk baqgħet depożitata għall-imgħax legali s-somma ta' £174.5.7 rispettivament għall-kwota ta' 3581/13920, jew dik li ma ġietx irkuprata mill-attur b'suċċess;

Ikkunsidrat;

Illi, skond l-art. 1494 kombinat mal-art. 1493 tal-Kodiċi Ċivili, ir-retraent għandu jħallas lir-retrattarju, "inter alia", l-imgħax fuq il-prezz tal-bejgħ li jkun ta lok għall-irkupru u fuq l-ispejjeż leġittimi li jkun għamel ix-xerrej f'dak il-bejgħ; iżda minn dawk l-imgħax għandhom jiġu maqtugħa l-frottijiet;

Illi l-eżerċizzju validu tad-dritt tar-retratt jirriżolvi l-bejgħ relativament għall-kumpratur, u jġib mutament fit-titolarità tad-dritt tal-proprjetà; u dan il-mutament jiddetermina rapport ġuridiku ġdid, ċjoè dak bejn ir-retraent u r-retrattarju, u toħroġ bħala konsegwenza r-restituzzjoni reċiproka tal-imgħax u l-frottijiet, salv id-dritt tar-retrattarju li jżomm il-frottijiet u jirrinunzja għall-imgħax. Il krediti reċiproċi tar-retraent u r-retrattarju — tar-retraent għall-frottijiet u tar-retrattarju għall-imgħax — jiġu determinati minn dan ir-rapport ġuridiku ġdid li l-eżerċizzju validu tad-dritt tar-retratt joħloq. Dan ir-rapport jippresupponi neċessarjament l-eżerċizzju ta' dak id-dritt bir-riżultanti riżoluzzjoni tal-bejgħ. Bl-eżerċizzju validu ta' dak id-dritt, ir-retraent jiġi nvestit bil-proprjetà tal-fond, u r-rivendita hija sempliċi "traditio" tal-pussess, li r-retrattarju hu obligat jagħmel lir-retraent għax ma jibqgħax aktar proprjetarju tal-fond;

Illi għalhekk, f'dan il-każ, darba li ġie stabbilit li l-attur nomine ma kellux dritt għall-irkupru tal-kwota ta' 3581/13920 fuq imsemmija, ma kienx hemm, relativament għal din il-kwota, riżoluzzjoni tal-bejgħ, u għalhekk ma nħoloqx ir-rapport ġuridiku bejn l-attur nomine u l-konvenut ta' kredituri reċiproċi, wieħed għall-frottijiet u l-ieħor għall-imgħax, għar-rispett tal-istess kwota. Il-konvenut, għalhekk, ma jistax jopponi l-iżbank mill-attur nomine tal-bilanċ ta' £174.6.7, korrispondenti għall-imgħax kif intqal; liema somma hija tal-attur nomine;

Għal dawn ir-raġunijiet;

Tilqa' t-talba tal-attur nomine; bl-ispejjeż kontra l-konvenut Perit Gustavo Vincenti.